



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.9.2022  
COM(2022) 481 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL  
U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**DWAR L-OPERAT TAD-DIRETTIVA DWAR IT-TRASPARENZA FIS-SUQ UNIKU  
MILL-2016 SAL-2020**

{SWD(2022) 297 final}

# **Werrej**

INTRODUZZJONI .....	3
1. Żviluppi bejn l-2016 u l-2020 .....	4
1.1. <i>Titjib fil-proċedura ta' notifika</i> .....	4
1.2. <i>Użu tal-proċedura ta' notifika fi ħdan il-kuntest ta' "regolamentazzjoni aħjar" u ta' rikonoxximent reċiproku</i> .....	5
2. Applikazzjoni tal-proċedura ta' notifika .....	5
2.1 <i>Effettività: ħarsa ġeneralis</i> .....	5
2.2 <i>Użu tal-proċedura ta' urġenza</i> .....	12
2.3 <i>Notifika ta' miżuri "fiskali jew finanzjarji"</i> .....	13
2.4 <i>Segwitu għar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni</i> .....	13
2.5 <i>Segwitu għall-proċedura ta' notifika</i> .....	14
2.6 <i>Skambji strutturati mal-Istati Membri, mal-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA, mal-Iżvizzera u mat-Turkija</i> 14	
2.7 <i>Trasparenza</i> .....	15
3. Konklużjoni .....	16

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport huwa abbozzat u ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2015/1535<sup>1</sup> (id-“Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku”). Dan janalizza r-riżultati tal-applikazzjoni ta’ wieħed mill-pedamenti tas-suq uniku mill-2016 sal-2020: il-proċedura ta’ notifika stabbilita mid-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. Ir-rapport jenfasizza l-kontribut importanti tal-proċedura ta’ notifika għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-implimentazzjoni tal-linji gwida u tas-sett ta’ għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar<sup>2</sup>, kif ukoll ir-rwol ċentrali tagħha matul il-pandemija tal-COVID-19.

In-notifikazzjoni tal-Kummissjoni tar-regolamenti tekniċi nazzjonali qabel l-adozzjoni tagħhom issoktat tkun għodda importanti biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-kummerċ, bl-ġhan li jiġu evitati. Baqgħet tkun mezz ta’ komunikazzjoni tajjeb biex tīgi żgurata l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u fost l-Istati Membri nfushom. Dan huwa partikolarment importanti fiċ-ċirkostanzi kritiċi u li qatt ma rajna qabel bħal dawk tul il-pandemija tal-COVID-19. Barra minn hekk, ir-regolamenti tekniċi huma nnotifikati lill-Kummissjoni u t-testi finali tal-miżuri notifikati huma tradotti fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE<sup>3</sup>.

Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku tirrikjedi li l-Kummissjoni ssegwi u timmonitorja n-notifikasi kollha li jqajmu tħassib dwar il-kompatibbiltà tagħhom mad-dritt tal-Unjoni. F’dak il-kuntest, il-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-miżuri li għandhom l-ogħla impatt fuq is-suq uniku<sup>4</sup>.

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta’ informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1.

<sup>2</sup> Pjan ta’ Azzjoni għat-titjib tal-ambjent regolatorju, COM(2002) 278. Ara wkoll *Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u għall-Impjieg fl-Unjoni Ewropea*, COM(2005) 97; *L-implimentazzjoni tal-programm ta’ Liżbona tal-Komunità: Strateġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju*, KUMM(2005) 535; *Reviżjoni strateġika ta’ Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea*, KUMM(2006) 689; *It-tieni reviżjoni strateġika ta’ Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea*, KUMM(2008) 32; *It-tielet reviżjoni strateġika ta’ Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea*, KUMM(2009) 15; *Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea*, KUMM(2010) 543 u, *Ir-Regolamentazzjoni Aħjar: Inwasslu riżultati aħjar għal Unjoni iktar b’saħħitha*, COM(2016) 615.

<sup>3</sup> It-traduzzjoni Irländiża ma hijiex disponibbli.

<sup>4</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52020DC0094&qid=1650876529508>

## INTRODUZZJONI

Bħala “ mutur biex tinbena ekonomija tal-UE aktar b’saħħitha u ġusta ”, is-suq uniku huwa parti ewlenija mis-sitt prioritajiet tal-Kummissjoni għall-2019-2024<sup>5</sup>. Is-suq uniku tejjeb il-prosperità u l-opportunitajiet għan-negozji u għall-pubbliku fl-Ewropa. Suq uniku li jiffunzjona tajjeb jistimula l-kompetizzjoni u l-kummerċ, itejjeb l-effiċjenza, iżid il-kwalità u jgħin biex jitnaqqsu l-prezzijiet għan-negozji u għall-konsumaturi<sup>6</sup>.

Bħala parti mill-pakkett il-ġdid tal-Kummissjoni ta’ Marzu 2020 dwar l-istratgija industrijali<sup>7</sup>, ġew adottati komunikazzjoni dwar l-ostakli<sup>8</sup> u pjan ta’ azzjoni dwar l-infurzar tas-suq uniku<sup>9</sup> biex ikomplu jtejbu l-kompetittivitā u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-kumpaniji ta’ kull daqs fil-ktajjen tal-valur tal-UE u dawk globali. L-Azzjoni 10 tal-pjan ta’ azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-infurzar fis-suq uniku tirreferi għad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. F’dak il-kuntest, “f’konformità mal-approċċ iktar strateġiku għall-azzjonijiet ta’ infurzar tal-Kummissjoni, l-implementazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza tas-Suq Uniku se tissejjes fuq erba’ assi:

- (i) 1-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-abbozzi kollha tar-regolamenti tekniċi marbutin mal-prodotti u mas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni;
- (ii) il-Kummissjoni se tagħti segwit u għan-notifikasi kollha li jqajmu tkħassib dwar il-kompatibbità ta’ dawn ir-regolamenti mal-ligħiġiet tal-UE;
- (iii) hija u tfassal l-azzjonijiet ta’ segwit u tagħha, il-Kummissjoni se tagħti każ b’mod partikulari l-miżuri li jkollhom l-ikbar impatt fuq is-suq uniku;
- (iv) il-Kummissjoni se timmonitorja l-leġiżlazzjoni li tkun wasslet għal reazzjoni min-naħħa tagħha fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku u li, jekk ma tiġix aġġustata kif xieraq, jaf twassal għal proċedimenti ta’ ksur”.

Il-Kummissjoni tiffoka b’mod ċar fuq il-prevenzjoni u l-infurzar fir-rigward tal-każijiet bl-aktar impatt sinifikanti fuq is-suq uniku b’mod ekonomiku jew b’xi mod ieħor.

Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku għandha l-ġhan li tipprevjeni l-ħolqien ta’ ostakli ġodda fis-suq uniku billi tiffoka fuq it-trasparenza, id-djalogu, il-prevenzjoni u r-regolamentazzjoni aħjar. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fuq l-istess livell mal-Kummissjoni f’din il-proċedura. Il-partijiet ikkonċernati għandhom aċċess kemm għar-regolamenti tekniċi nazzjonali li qed jitħejew kif ukoll għat-testi finali tal-miżuri notifikati, tradotti fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jistgħu jantiċipaw il-ħolqien ta’ ostakli għall-kummerċ u jevitaw piżżejiet amministrattivi mhux meħtieġa u li jiswew ħafna flus li jaftettaw in-negozju tagħhom.

Il-proċedura ta’ notifika għar-regolamenti tekniċi nazzjonali fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw, qabel l-adozzjoni tagħhom, ir-regolamenti tekniċi li kwalunkwe Stat Membru jkollu l-ħsieb li jintroduċi għall-prodotti (industrijali, agrikoli u tas-sajd) u għas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni (ara l-Anness 1 tad-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jikkumpanja dan ir-rapport). Il-proċedura tapplika b’mod simplifikat għall-istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma partijiet għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), għall-Iżvizzera, u għat-Turkija (ara l-Anness 4).

<sup>5</sup> [https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/internal-market\\_mt](https://ec.europa.eu/info/strategy/priorities-2019-2024/economy-works-people/internal-market_mt)

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/fs\\_20\\_427](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/fs_20_427)

<sup>7</sup> [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_416](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_416)

<sup>8</sup> <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2020%3A0093%3AFIN>

<sup>9</sup> Ara n-nota 4 f’qiegħ il-paġna.

Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku għandha wkoll rwol ewljeni fil-laqgħat ta' djalogu dwar l-“għarfien tal-pajjiżi” mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati<sup>10</sup>. Tali laqgħat huma parti mill-isforzi tal-istrateġija tas-suq uniku biex tiġi żgurata kultura ta' konformità u infurzar intelliġenti<sup>11</sup>. Il-Kummissjoni tqis dawn il-laqgħat bħala opportunità għal djalogu biex tittejjeb l-implementazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. F'dan il-kuntest, id-djalogu skont id-Direttiva, flimkien ma' indikaturi oħra, jippermetti lill-Kummissjoni biex tidentifika aħjar is-setturi problematiċi u l-problemi strutturali fl-Istati Membri.

Dan ir-rapport, li ġie abbozzat u ppreżentat f'konformità mad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, huwa stampa tal-operat tiegħu mill-2016 sal-2020, kemm minn lat kwalitattiv kif ukoll minn lat kwantitattiv.

Fl-2020, il-proċedura ta' notifikasi skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku kellha rwol kruċjali fil-ġestjoni tal-pandemja tal-COVID-19 u kkontribwiet għal approċċ koordinat għall-kriżi tas-saħħha madwar l-UE. Il-firxa tal-virus ikkawżat it-tfixxil tal-ktajjen tal-provvista globali. Matul il-pandemja, l-integrità tas-suq uniku u, b'mod aktar ġenerali, il-preservazzjoni tal-ktajjen tal-valur tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni li jiżguraw il-provvisti meħtieġa għas-sistemi tas-saħħha tagħna, ġew ipperikolati. Id-Direttiva pprovdiet qafas li jippermetti lill-Istati Membri jaġixxu b'mod koordinat.

## 1. ŻVILUPPI BEJN L-2016 U L-2020

Fil-perjodu ta' ħames snin ta' bejn l-2016 u l-2020 waslu 3 553 notifikasi (ara l-Anness 3.1), li jindika li d-djalogu li sar fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku wera livell tajjeb ta' parteċipazzjoni mill-Istati Membri, li ħarġu 243 opinjoni dettaljata u 475 kumment (ara l-Anness 3.6). Dan kien akkumpanjat minn reazzjonijiet frekwenti mill-Kummissjoni dwar ir-regolamenti tekniċi notifikati, b'mod partikolari 212-il opinjoni dettaljata u 816-il kumment maħruġa mill-Kummissjoni (ara l-Anness 3.4). L-ogħla għadd ta' reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri tal-UE kienu jikkonċernaw l-agrikoltura, iss-sajd u l-oġġetti tal-ikel u l-prodotti għall-bini.

L-introduzzjoni ta' għodda tal-IT matul il-perjodu referenzjarju, kif deskrift fil-paragrafi ta' hawn taħt, iiffacilitat il-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi fil-proċedura tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) xeħtet dawl fuq xi kwistjonijiet interpretattivi tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. Dawn kienu jinkludu d-definizzjoni ta' regolamenti tekniċi, il-klassifikazzjoni ta' servizzi ta' intermedjazzjoni ġodda f'setturi emerġenti relatati ma' mudelli ta' ekonomija kollaborattiva, id-dritt ta' aċċess għal dokumenti fir-rigward tal-proċedura tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku u l-penali għan-nuqqas ta' notifikasi<sup>12</sup>.

### 1.1. Titjib fil-proċedura ta' notifikasi

Wieħed mill-objettivi tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku huwa li tinforma lill-operaturi ekonomiċi, inklużi l-intrapriżi żgħar u medji, qabel ir-regolamenti tekniċi ppjanati qabel l-adozzjoni tagħhom mill-Istati Membri. Dan jippermetti lill-operaturi ekonomiċi

<sup>10</sup> Id-djalogu dwar l-“għarfien tal-pajjiżi” jikkonsisti f'laqgħat strutturati mal-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-proċedura ta' notifikasi f'kull Stat Membru tal-UE u mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali.

<sup>11</sup> Ara l-paragrafu “Ensure a culture of compliance and smart enforcement to help deliver a true Single Market” tal-istrategija tas-suq uniku, [http://ec.europa.eu/growth/single-market/strategy\\_en](http://ec.europa.eu/growth/single-market/strategy_en).

<sup>12</sup> Ara l-Anness 2 għal aktar dettalji rigward il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku bejn l-2016 u l-2020.

jsemmgħu leħinhom u jadattaw l-aktivitajiet tagħhom fil-ħin għal regolamenti tekniċi futuri<sup>13</sup>. L-ġħadd għoli ta' kontributi dwar in-notifikasi mibgħuta mill-partijiet ikkonċernati juri li dan id-dritt ta' skrutinju jiġi eżerċitat b'mod estensiv u qed jgħin lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jidtifikaw ostakli għall-kummerċ.

Fi sforz li dejjem jevolvi favur it-trasparenza u l-effiċjenza, fl-2015 il-Kummissjoni ħadmet biex tiżviluppa funzjonalità ġidida fuq is-sit web tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar ir-Regolamenti Tekniċi (TRIS)<sup>14</sup>. Din il-funzjoni ġiet implementata fl-2016 u tippermetti lil kwalunkwe persuna li tuża s-sit web tat-TRIS biex tippreżenta kontributi dwar kwalunkwe notifika matul il-perjodu ta' waqfien previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. Mill-2016 sal-2020, il-Kummissjoni rċeviet 1 618-il kontribut permezz ta' din il-funzjoni (144 fl-2016, 421 fl-2017, 175 fl-2018, 281 fl-2019 u 597 fl-2020).

## ***1.2. Użu tal-proċedura ta' notifikasi fi ħdan il-kuntest ta' “regolamentazzjoni aħjar” u ta' rikonoxximent reċiproku***

Fil-Komunikazzjoni tagħha *Regolamentazzjoni aħjar għat-tkabbir u għall-impjieg i fl-UE*<sup>15</sup>, il-Kummissjoni enfasizzat li l-mekkaniżmu ta' kontroll preventiv stabbilit bid-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku jikkontribwixxi għat-titħbi tal-kwalità tar-regolamenti nazzjonali dwar il-prodotti u s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. Il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-kuntest tal-proċedura ta' notifikasi għandha l-għan li tiżgura qafas regolatorju aktar ċar għall-operaturi ekonomiċi.

Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku tikkontribwixxi wkoll għal rikonoxximent reċiproku aħjar. Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-Artikoli 34 sa 36 tat-TFUE, jiżgura l-aċċess għas-suq għall-merkanzija li ma tkunx, jew li tkun biss parżjalment, soġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-UE. Dan jiggarrantixxi li kwalunkwe oġġett kummerċjalizzat legalment fi Stat Membru wieħed jista', fil-prinċipju, jinbiegħ fi Stat Membru ieħor. Il-valutazzjoni tar-regolamenti nazzjonali qabel l-adozzjoni tagħhom tgħin biex jiġi mminimizzat ir-riskju li dawn ir-regoli joħolqu ostakli regolatorji mhux ġustifikati għall-kummerċ, b'mod partikolari fid-dawl tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Dan għaliex il-Kummissjoni tista': (i) tikkoreġi t-test tal-klawżoli tas-suq uniku fl-abbozzi nnotifikasi mill-Istati Membri skont il-proċedura tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku; u (ii) tirrakkomanda li l-Istati Membri jdaħħlu l-klawżola dwar is-suq uniku fl-abbozzi ta' miżuri nazzjonali notifikasi meta din ma tkunx fl-abbozzi notifikasi.

## **2. APPLIKAZZJONI TAL-PROċEDURA TA' NOTIFIKA**

### ***2.1 Effettività: ħarsa ġenerali***

#### **► Volum ta' notifikasi u setturi involuti**

Mill-2016 sal-2020, il-Kummissjoni rċeviet 3 553 notifikasi (700 fl-2016, 676 fl-2017, 666 fl-2018, 657 fl-2019 u 854 fl-2020)<sup>16</sup>.

<sup>13</sup> Ara l-Premessa 7 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku.

<sup>14</sup> <http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/mt/>

<sup>15</sup> Ara *supra*, in-nota 2 f'qiegħ il-paġna.

<sup>16</sup> Ara l-Anness 3.1. Dawn iċ-ċifri ma jinkludux notifikasi mill-pajjiżi tal-EFTA li huma firmatarji għall-Ftehim ŻEE (in-Norveġja, il-Lichtenstein u l-Iżlanda), jew notifikasi mit-Turkija jew mill-Iżvizzera. Fil-perjodu ta' rapportar il-Kummissjoni rċeviet 232 notifikasi minn dawn il-pajjiżi (124 mill-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, 74 mit-Turkija u 34 mill-Iżvizzera). Ara l-Anness 4 għal aktar informazzjoni dwar dawn in-notifikasi.

Ġew osservati differenzi kbar fl-għadd ta' notifikasi fost l-Istati Membri, billi xi wħud wettqu bħala medja aktar minn 50 notifika fis-sena, u oħrajin innotifikaw inqas minn 10 fis-sena (ara l-Anness 3.2). Filwaqt li din id-diskrepanza tista' tiġi spjegata parzialment b'referenza għall-mod kif l-organizzazzjoni tal-Istat hija strutturata f'pajjiżi differenti (eż. il-preżenza ta' awtoritajiet reġjonali/lokali b'setgħat regolatorji), minħabba nuqqas ta' għarfien jew minħabba grad ogħla/aktar baxx ta' attività regolatorja, din id-diskrepanza wiesgħha qajmet dubji dwar jekk kienx hemm konformità sħiħa mal-obbligli ta' notifika. L-analiżi wriet li fl-2017, fl-2018 u fl-2019 kważi l-Istati Membri kollha ma nnotifikawx u lanqas ma nnotifikaw mill-ġdid abbozzi ta' regolamenti tekniċi. Madankollu, il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri kellhom għadd relativament baxx ta' abbozzi mhux notifikati, daqs 10 fis-sena jew inqas.

Fl-Anness 3.2 (Tabella 1) tista' tiġi osservata korrelazzjoni bejn id-daqs tal-Istati Membri u l-għadd ta' notifikasi, bl-akbar Stati Membri li, b'mod ġenerali, innotifikaw aktar minn dawk ta' daqs medju u żgħir. Dan jista' jiġi parzialment spjegat minn għadd akbar ta' awtoritajiet reġjonali u lokali li għandhom obbligu li jinnotifikaw l-abbozzi tagħhom ta' regolamenti tekniċi. Madankollu, dan mhux dejjem ikun il-każ: pereżempju, f'xi każijiet, l-Istati Membri ta' daqs medju nnotifikaw aktar minn ċerti Stati Membri akbar, u Stati Membri akbar bi struttura ċentralizzata nnotifikaw aktar minn Stati Membri bi struttura deċentralizzata.

**Bħal fil-perjodu ta' rapportar preċedenti, l-oħla għadd ta' notifikasi matul l-2016-2020 kienu jikkonċernaw **is-settur tal-kostruzzjoni, segwit min-notifikasi fil-qasam tal-prodotti agrikoli, is-sajd, l-akkwakultura u ogħġetti oħra tal-ikel.****

Saru wkoll bosta notifikasi fil-qasam tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, fis-setturi ambjentali u tas-sustanzi kimiċi (l-aktar dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, il-prodotti tal-plastik, il-fertilizzanti, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat jew in-neonikotinojdi, l-istandardi tal-emissjonijiet, il-prodotti kożmetiċi li fihom il-mikroplastiċi) u t-trasport (eż. dwar vetturi elettriċi, tagħmir speċjali għall-vetturi tal-passiġġieri u t-taxis, vetturi għal fuq il-borra, scooters elettriċi, vapuri u opri tal-baħar għarr-rikreazzjoni, droni) (ara l-Anness 3.3).

#### ► **Kwistjonijiet indirizzati mill-Kummissjoni fir-reazzjonijiet tagħha**

Fl-oqsma mhux armonizzati, jiġifieri dawk li fihom il-miżuri nazzjonali fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni sekondarja, huma soġġetti għall-konformità mal-Artikoli 34 sa 36 (il-moviment liberu tal-merkanzija) u 49 u 56 (id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi marbuta mas-soċjetà tal-informazzjoni) tat-TFUE, ir-reazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu maħsuba biex jiġbdu l-attenzjoni tal-Istati Membri għal ostakli potenzjali għall-kummerċ mhux ġustifikati wara li jivvalutaw in-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżura f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Meta l-miżuri nazzjonali kienu jaqgħu, f'parti minnhom jew fl-intier tagħhom, taħt **oqsma armonizzati**, ir-reazzjonijiet kienu maħsuba biex jiżguraw li l-miżuri nazzjonali jkunu kompatibbi mal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE.

- Fl-2016-2020, l-Istati Membri nnotifikaw 765 abbozz ta' regolamenti tekniċi fil-qasam tal-kostruzzjoni (131 fl-2016, 181 fl-2017, 139 fl-2018, 158 fl-2019 u 156 fl-2020<sup>17</sup>). Dawn l-abbozzi kienu jikkonċernaw it-tipi kollha ta' prodotti għall-bini, fosthom, strutturi ta' pontijiet u strutturi tat-toroq tal-konkrit, kisi għall-bjut mżerżqa tal-bini, tagħmir għat-tifri tan-nar u għas-salvataġġ, iżolament termali, materjali sintetiċi tal-mili, strutturi tal-konkrit, installazzjonijiet elettriċi fuq l-istrutturi tal-konkrit u ġewwa fihom u materjali metalliċi li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

<sup>17</sup>

Ara l-Anness 3.3.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni eżaminat l-abbozzi ta' regolamenti tekniċi li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi jew testijiet addizzjonali għal prodotti għall-bini li jostakolaw il-moviment liberu ta' prodotti li jkunu ttikkettati bil-marka CE. L-abbozzi notifikati ġew eżaminati prinċipalment skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini<sup>18</sup>.

Il-Kummissjoni eżaminat abbozzi ta' leġiżlazzjoni li tipprobixxi l-installazzjoni ta' fran taż-żejt fossili u fran tal-gass naturali f'bini ġdid għajr meta l-fran taż-żejt u tal-gass jużaw biss l-enerġija rinnovabbi. L-abbozz notifikat ġie eżaminat skont id-Direttiva 2009/142/KE rigward tagħmir li juża l-gass (GAD)<sup>19</sup> u d-Direttiva 92/42/KEE dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kalarunni tal-mišħun ġodda li jaħdnu b'karburanti likwidi jew gassużi<sup>20</sup>.

Ir-regolamenti tekniċi relatati mal-effiċjenza fl-enerġija tal-bini ġew ivvalutati skont id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija<sup>21</sup>, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija<sup>22</sup> u d-Direttiva 2009/125/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija<sup>23</sup>.

Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-abbozz tal-leġiżlazzjoni dwar ir-rekwiżiti għat-tagħmir ta' komunikazzjoni tal-awtostradi. L-abbozz notifikat ġie eżaminat skont id-Direttivi 1999/5/KE<sup>24</sup>, 2006/95/KE<sup>25</sup> u 2004/108/KE<sup>26</sup>.

- Dwar **il-prodotti agrikoli, is-sajd, l-akkwakultura u oġġetti oħra tal-ikel**, mill-2016 sal-2020 l-Istati Membri nnotifikaw 693 abbozz ta' regolamenti tekniċi (145 fl-2016, 106 fl-2017, 146 fl-2018, 161 fl-2019 u 135 fl-2020<sup>27</sup>). L-oqsma koperti minn dawn l-abbozzi kienu jinkludu, pereżempju, il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-oġġetti tal-ikel, max-xorb enerġetiku, ix-xaħmijiet trans fil-prodotti tal-ikel, l-inbid u x-xorb spirituż, il-marki tal-kwalità għall-oġġetti tal-ikel, il-benesseri tal-animali u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-fer.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 rigward tagħmir li juża l-gass, ĠU L 330, 16.12.2009, p. 10.

<sup>20</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kalarunni tal-mišħun ġodda li jaħdnu b'karburanti likwidi jew gassużi, ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17.

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1.

<sup>22</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

<sup>23</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.

<sup>24</sup> Id-Direttiva 1999/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 1999 dwar it-tagħmir tarradju u tagħmir terminali ta' telekomunikazzjonijiet u r-rikonoximent reċiproku tal-konformità tagħhom, ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10.

<sup>25</sup> Id-Direttiva 2006/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-ligħiġiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ, ĠU L 374, 27.12.2006, p. 10.

<sup>26</sup> Id-Direttiva 2004/108/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-approssimazzjoni tal-ligħiġiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-kompatibilità elettromanjetika, ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.

<sup>27</sup> Ara l-Anness 3.3.

Ċerti Stati Membri nnotifikaw l-abbozzi ta' regolamenti li stabbilew marki li jorbu l-kwalità ta' prodott mal-oriġini tiegħu. Dawn in-notifikasi ġew eżaminati skont id-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u merkanzija tal-ikel<sup>28</sup>.

Matul il-perjodu rilevanti, il-Kummissjoni eżaminat notifikasi dwar l-iċċene tal-oġġetti tal-ikel u ħarġet opinjonijiet dettaljati u kummenti dwar il-konformità tagħhom mar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 dwar l-iċċene tal-oġġetti tal-ikel<sup>29</sup>, mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iċċene għall-ikel li joriġina mill-annimali<sup>30</sup>, u mar-Regolament (KE) Nru 854/2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjal fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman<sup>31</sup>.

Notifikasi oħra kienu jikkonċernaw it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel. Il-Kummissjoni vvaluat il-kompatibbiltà tagħhom mar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi<sup>32</sup>, b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet dwar id-dikjarazzjonijiet nutrizzjonali, jew dispożizzjonijiet oħra speċifiċi għas-setturi dwar l-informazzjoni tal-konsumatur<sup>33</sup>.

- **Fis-settur tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni**, l-Istati Membri nnotifikaw 255 miżura (58 fl-2016, 43 fl-2017, 34 fl-2018, 57 fl-2019 u 63 fl-2020<sup>34</sup>), bil-biċċa l-kbira tan-notifikasi li kienu jikkonċernaw l-abbozzi ta' leġiżlazzjoni li jaffettwaw il-kummerċ elettroniku, il-media soċjali u l-operaturi tal-pjattaformi online, in-newtralità tan-network u l-pluraliżmu tal-media, l-aħbarijiet foloz u d-diskors ta'

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>29</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iċċene tal-oġġetti tal-ikel, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1.

<sup>30</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iċċene għall-ikel li joriġina mill-annimali, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

<sup>31</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjal fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tħassar bir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjal u attivitajiet uffiċjal oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjal), ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

<sup>33</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieg fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

<sup>34</sup> Ara l-Anness 3.3.

mibegħda online, kif ukoll regoli oħra dwar is-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31/KE (“id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku”)<sup>35</sup> u regoli relatati mas-servizzi tal-media awdjoviżiva li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/1808 (id-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva)<sup>36</sup>.

Inħarġu reazzjonijiet oħra tal-Kummissjoni fir-rigward tal-abbozzi ta' miżuri notifikati li jikkonċernaw regoli dwar servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 910/2014 (ir-“Regolament eIDAS”)<sup>37</sup> u l-fluss liberu ta' *data* mhux personali kif regolat skont ir-Regolament (UE) 2018/1807<sup>38</sup>. Kien hemm ukoll notifikasi dwar il-privatezza tad-*data* digħi, iċ-ċibersigurtà, iż-żamma tad-*data*, il-fatturazzjoni elettronika, id-drittijiet tal-awtur, it-telekomunikazzjoni u l-komunikazzjoni elettronika (inkluż il-5 G), internet aktar sikur għat-tfal, il-kotba elettroniċi, il-logħob tal-azzard online u f'diversi każijiet marbuta, b'mod espliċitu jew f'termini anċillari, mal-moviment liberu tas-servizzi u l-libertà tal-istabbiliment (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE, kif ukoll id-Direttiva dwar is-Servizzi<sup>39</sup>), mad-drittijiet tal-konsumatur skont id-Direttiva 2011/83/UE<sup>40</sup>, mal-protezzjoni ta' *data* personali skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (UE) 2016/679<sup>41</sup>, u mal-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' intrapriża kif minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

- Fis-settur tas-**sustanzi kimiċi**, il-Kummissjoni rċeviet 167 notifika (32 fl-2016, 32 fl-2017, 28 fl-2018, 27 fl-2019 u 48 fl-2020<sup>42</sup>), rigward oqsma bħall-prodotti bijoċidali, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (“REACH”)<sup>43</sup>, li ġew eżaminati

<sup>35</sup> Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (“Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku”), ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

<sup>36</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu, ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.

<sup>38</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-Unjoni Ewropa, ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59.

<sup>39</sup> Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern, ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

<sup>40</sup> Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tkhassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64.

<sup>41</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiż-żi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

<sup>42</sup> Ara l-Anness 3.3.

<sup>43</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

principalement skont ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali<sup>44</sup>, ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>45</sup> u skont ir-REACH.

- **Fis-settur ambjentali**, il-Kummissjoni eżaminat 206 abbozzi ta' miżuri (55 fl-2016, 39 fl-2017, 28 fl-2018, 33 fl-2019 u 51 fl-2020<sup>46</sup>). Xi abbozzi notifikati kienu jikkonċernaw l-iskart mill-imballaġġ u l-prodotti tal-plastik mhux riutilizzabbi u qajmu problemi ta' kompatibbiltà mad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ<sup>47</sup> (pereżempju fir-rigward tar-rekwiżiti għall-projbizzjoni ta' basktijiet tal-plastik ħfief) u d-Direttiva (UE) 2019/904 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent<sup>48</sup> (pereżempju fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' "plastik").

Il-proċedura ta' notifika ppermettiet ukoll lill-Kummissjoni li tintervjeni f'setturi fejn l-armonizzazzjoni kienet prevista jew għadha għaddejja fil-livell tal-UE u, għalhekk, l-Istati Membri ma setgħux jintroduċi miżuri nazzjonali diverġenti. Skont l-Artikoli 6(3) u 6(4) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri notifikanti biex jipposponu l-adozzjoni tal-abbozzi ta' regolamenti tekniċi notifikati bi 12-il xahar mid-data tan-notifika, fl-oqsma tal-produzzjoni organika tal-pjanti, tal-annimali u l-prodotti tal-akkwakultura u tal-oġġetti tal-ikel (in-notifika 2018/190/BG), tal-produzzjoni organika tal-laħam tal-fniek (in-notifika 2018/219/E), tas-summien tas-simna organiċi (in-notifika 2018/666/F) u prodotti tal-plastik mhux riutilizzabbi (in-notifikasi 2018/665/B u 2019/9/UK).

#### ► **Eżempji pożittivi li juru l-impatt tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku**

Matul il-perjodu ta' rapportar, id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku wriet li kienet effettiva f'bosta każijiet hekk kif l-awtoritajiet nazzjonali abbozzaw mill-ġdid 1-abbozzi notifikati skont ir-rakkmandazzjonijiet tal-Kummissjoni, jew irtirawhom. Każ partikolari kien in-notifika dwar abbozz ta' digriet li jobbliga lis-sewwieqa tal-karozzi li jirrisjedu fl-Italja u li jittrasportaw magħħom tfal taħt l-erba' snin biex jużaw apparat ta' allarm speċifiku ta' twissija għas-sits tal-karozzi tat-tfal li jipprevjenu lill-minorenni milli jitħallew fil-vettura. Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni indikat li diversi rekwiżiti tal-abbozz notifikat kienu f'kunflitt mar-regoli ta' armonizzazzjoni tal-UE u mal-moviment liberu tal-merkanzija (l-Artikoli 34-36 tat-TFUE). Dan kien minħabba n-nuqqas ta' evidenza: (i) għall-proporzjonalità tar-rekwiżit li jikkonċerna l-proċedura ta' approvazzjoni minn qabel għal apparat ta' allarm ta' twissija għas-sits tal-karozzi tat-tfal mmanifatturati legalment fi Stati Membri oħra; u (ii) għall-obbligu li dan l-apparat jiġi mgħammar b'sistema ta' komunikazzjoni awtomatika biex jintbagħtu messaġġi jew telefonati permezz ta' networks ta' komunikazzjoni mobbli bla fili għal mill-inqas tliet numri tat-telefon differenti. Il-Kummissjoni enfasizzat li l-“proċedura ta' awtorizzazzjoni minn qabel” li toħbi lill-“korpi akkreditati” japplikaw għar-rikonoxximent mad-Direttorat ġenerali Taljan għall-Vetturi bil-Mutur tista' tkun f'kunflitt mal-prinċipju tal-provvista libera ta' servizzi fl-Unjoni (l-Artikolu 56 tat-TFUE). L-awtoritajiet Taljani abbozzaw mill-ġdid id-digriet propost skont ir-

<sup>44</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>45</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE, ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

<sup>46</sup> Ara l-Anness 3.3.

<sup>47</sup> Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.

<sup>48</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, ĠU L 155, 12.6.2019, p. 1.

rimarki tal-Kummissjoni, filwaqt li żguraw li 1-abbozz ta' miżura notifikata jista' jilħaq 1-objettiv tas-sikurezza tat-tfal.

Fl-istess mod, fl-2016, fl-2017 u fl-2018, il-Kummissjoni rċeviet diversi notifikasi dwar il-karatteristiċi u t-tagħmir spċificu ta' inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (droni). Fir-reazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni fakkret fil-proċess ta' armonizzazzjoni li għaddej fil-livell tal-UE u stiednet lill-Istati Membri kkonċernati jikkoperaw biex jistabbilixxu qafas regolatorju tal-UE applikabbi għall-ingienji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ biex jiżgura livell għoli ta' sikurezza fir-rigward tal-operat ta' tali ingienji tal-ajru u jagħmilha possibbli li jiġu ġesti ir-riskji assoċjati relatati mas-sikurezza, mal-protezzjoni tal-privatezza u mad-data personali. L-Istati Membri kkonċernati kkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni, kif espressi fil-kummenti u fl-opinjonijiet dettaljati, jew irtiraw 1-abbozzi notifikati<sup>49</sup>.

Fl-2020, fil-bidu tal-pandemija tal-COVID-19, xi Stati Membri adottaw jew ġejjew miżuri nazzjonali li jaffettaw il-moviment liberu ta' tagħmir protettiv personali bħal nuċċalijiet protettivi, maskri tal-wiċċe, ingwanti, overalls u lbies kirurġiċi, u 1-moviment liberu tal-mediciċi. Dawn il-miżuri rriskjaw li jiġi prevjenu tali merkanzija essenzjali milli tilħaq lil dawk li kienu jeħtiġuha 1-aktar, b'mod partikolari 1-ħaddiema fil-kura tas-saħħha, it-timijiet ta' intervent fuq il-post u l-pazjenti f'żoni milquta madwar l-Ewropa kollha. Dawn ħolqu effetti domino, filwaqt li l-Istati Membri ħadu miżuri biex itaffu l-impatt tal-miżuri meħuda minn Stati Membri oħra. F'perjodu qasir ta' żmien, ir-restrizzjonijiet infirxu għal firxa dejjem akbar ta' prodotti, li bdew minn tagħmir protettiv personali u ġew estiżi aktar riċentement għall-mediciċi. Tali miżuri fixklu 1-ktajjen tal-loġistika u tad-distribuzzjoni u ħeġġew ir-rispons għall-kumulazzjoni ta' riżerva fil-katina tal-provvista. Fl-aħħar mill-aħħar, tali miżuri reġgħu introduċew il-fruntieri interni fi żmien meta is-solidarjetà bejn l-Istati Membri kienet 1-aktar meħtieġa. Il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri biex jinnotifikaw tali miżuri permezz tal-mekkaniżmu tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku u pprovdiet gwida dwar kif dan għandu jsir. Il-miżuri nnotifikati lill-Kummissjoni ġew ivvalutati bħala kwistjoni ta' priorità għolja u l-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri fil-korrezzjoni ta' dawk il-miżuri li setgħu fixklu 1-moviment liberu tal-prodotti essenzjali fis-suq uniku<sup>50</sup>. L-esperjenza tal-pandemija tal-COVID-19 uriet ir-rilevanza tal-proċeduri tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, li jinkludu 1-proċedura ta' urġenza (ara l-paragrafu 2.2), filwaqt li offriet wkoll lezzjonijiet utli biex fil-ġejjeni jiġi indirizzati l-effetti negattivi tas-suq uniku kkaġunati mis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Meta l-miżuri huma notifikati wara l-adozzjoni tagħhom, kif kien il-każ għal madwar 150 notifika relatata mal-COVID-19 fl-2020, il-mekkaniżmu ta' notifika offrut mid-Direttiva kien ifisser li 1-informazzjoni u 1-benefiċċċi tar-rieżami bejn il-pari xorta setgħu jiġi sfruttati tul il-kriżi permezz tal-pjattaforma ta' komunikazzjoni TRIS, fejn l-Istati Membri setgħu jsiru midħla tal-miżuri tal-COVID adottati mill-Istati Membri l-oħra.

### ► Ħafna mill-ostakli komuni indirizzati

Wieħed mill-iskopijiet tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku huwa li jiġu identifikati oqsma fejn jirriżultaw ostakli rikorrenti għall-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u, b'rīzultat ta' dan, biex tiġi identifikata l-ħtieġa li jsir intervent b'miżuri ta' armonizzazzjoni mmirati biex jiżguraw funzionament bla xkiel tas-suq uniku<sup>51</sup>. Fil-perjodu analizzat, il-Kummissjoni identifikat

<sup>49</sup> Ara l-Anness 3.9 għal eżempji addizzjonal.

<sup>50</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investimenti u lill-Grupp tal-Euro – *Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħha tal-COVID-19*, COM(2020) 112.

<sup>51</sup> Ara l-Premessa 15 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku.

diversi ostakli rikorrenti fl-abbozzi ta' miżuri notifikati. Dawn kieno jinkludu n-nuqqas ta' klawżola tas-suq uniku, dispożizzjonijiet qarrieqa u mhux ċari li setgħu ġew interpretati u applikati bħala restrizzjonijiet tas-suq jew ripetizzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti tal-UE, il-kwistjoni ta' standards obbligatorji, u metodi ta' ttestjar addizzjonali<sup>52</sup>.

## ► Reazzjonijiet

Id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku tippermetti biex isir skambju formali u strutturat ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni u fost l-Istati Membri, meta jiġu vvalutati l-abbozzi notifikati. L-intensità ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni hija murija mill-għadd għoli ta' reazzjonijiet mibgħuta mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għan-notifikasi u mit-tweġibiet tal-Istati Membri notifikanti u mill-iskambju sussegwenti ta' messaġġi (ara l-Annessi 3.4, 3.5, 3.6 u 3.8). Dan l-iskambju ta' informazzjoni jipprovd i l-istat Membri l-possibbiltà li jaċċertaw il-grad ta' kompatibbiltà tal-abbozzi notifikati mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Matul il-perjodu ta' rapportar il-Kummissjoni ltaqgħet regolarmen fil-livell ta' esperti ma' rappreżentanti tal-Istati Membri biex tiċċara kwistjonijiet pendenti, fejn kien meħtieġ, u talbet informazzjoni supplimentari mill-Istati Membri biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolamenti tekniċi notifikati.

Fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-Kummissjoni ħarġet 212-il opinjoni dettaljata (60 fl-2016, 34 fl-2017, 40 fl-2018, 38 fl-2019 u 40 fl-2020), li jirrappreżentaw 5,9 % tal-għadd totali ta' abbozzi notifikati mill-Istati Membri matul il-perjodu ta' rapportar. Min-naħħa tagħhom, l-Istati Membri ppubblikaw 243 opinjoni dettaljata (78 fl-2016, 44 fl-2017, 38 fl-2018, 30 fl-2019 u 53 fl-2020). Mill-1 291 kumment maħruġ matul il-perjodu ta' rapportar, 816 saru mill-Kummissjoni (154 fl-2016, 189 fl-2017, 184 fl-2018, 155 fl-2019 u 134 fl-2020) u 475 mill-Istati Membri (118 fl-2016, 74 fl-2017, 77 fl-2018, 64 fl-2019 u 142 fl-2020) (ara l-Annessi 3.4 u 3.6). F'ħames każijiet, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri kkonċernati jipposponu l-adozzjoni tar-regolamenti tekniċi notifikati għal sena mid-data ta' meta waslu, minħabba li tħabbret ħidma ta' armonizzazzjoni tal-UE jew li kienet għaddejja fil-qasam kopert mill-abbozzi notifikati (ara l-Anness 3.5).

Meta wieħed iħares skont is-settur lejn l-għadd ta' reazzjonijiet (kummenti, opinjoni dettaljati u deċiżjonijiet tal-Kummissjoni biex tīgi posposta l-adozzjoni ta' abbozz) maħruġa minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni fil-perjodu ta' rapportar, nistgħu niksbu aktar għarfien dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fid-djalogu xprunat min-notifikasi u dwar l-interessi speċifiċi ta' ċerti Stati Membri li r-reazzjonijiet tagħhom huma aktar ikkonċentrati f'setturi speċifiċi (ara l-Anness 3.6, it-Tabella 6). L-Italja, Spanja, l-Awstrija u l-Polonja huma fost l-aktar Stati Membri attivi. L-analiżi tar-reazzjonijiet għal kull Stat Membru u skont is-settur turi li l-Awstrija, Spanja u l-Italja għandhom interessa partikolari fis-settur tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-oġġetti tal-ikel. Il-biċċa l-kbira tar-reazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni jikkonċernaw is-settur tal-kostruzzjoni u tal-agrikoltura.

Bis-saħħha tal-aċċess għan-notifikasi kollha u għall-messaġġi skambjati fi ħdan id-djalogi, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku biex jisiltu mill-ideat tas-sħab tagħhom. Dawn jistgħu jintużaw biex jiġi solvuti problemi komuni fir-rigward tar-regolamenti tekniċi u biex jiġi mifhum meta abbozz ta' regolament tekniku jista' jkun qed jikser id-dritt tal-Unjoni.

## 2.2 *Użu tal-proċedura ta' urġenza*

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tivvaluta l-proposta tagħhom biex jinvokaw il-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 6(7) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku jekk, sabiex jirrispondu għal sitwazzjoni urġenti jkunu obbligati jadottaw regolamenti

<sup>52</sup>

Ara l-Anness 3.11 għal dettalji addizzjonali dwar l-aktar ostakli komuni mneħħija.

tekniċi minnufih u ma jkollhomx żmien biex jistennew il-perjodu ta' waqfien ta' tliet xhur biex jikkonsultaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra minn qabel. Jekk il-Kummissjoni, wara li tkun ivvalutat ir-raġunijiet imqajma mill-Istat Membru kkonċernat, taċċetta l-proċedura ta' urġenza, il-perjodu ta' waqfien ta' tliet xhur ma japplikax u l-miżura tista' tiġi adottata minnufih<sup>53</sup>. Normalment, il-Kummissjoni tieħu bosta ġranet xogħol wara n-notifika sabiex tiddeċċiedi jekk taċċettax ir-raġunijiet ippreżentati mill-Istat Membru kkonċernat u jekk thallihx jadotta r-regolamenti tekniċi minnufih.

Minn total ta' 3 553 notifika, l-Istati Membri għamlu 346 talba biex japplikaw il-proċedura ta' urġenza għall-abbozzi notifikati (51 fl-2016, 34 fl-2017, 35 fl-2018, 39 fl-2019 u 187 fl-2020)<sup>54</sup>. L-użu tal-proċedura ta' urġenza ġie rrifjutat għal kažiċċiet li fihom il-ġustifikazzjoni ma għietx stabbilita b'mod suffiċċienti jew fejn kienet ibbażata fuq raġunijiet purament ekonomiċi jew ta' dewmien amministrattiv nazzjonali, kif ukoll f'każiċċiet li għalihom ma kienet seħħet l-ebda ċirkustanza imprevedibbli. Il-proċedura ta' urġenza tqieset iġġustifikata f'283 każ (41 fl-2016, 28 fl-2017, 21 fl-2018, 29 fl-2019 u 164 fl-2020). Dawn il-kažiċċiet kienu jikkonċernaw b'mod partikolari s-sustanzi psikotropiċi, il-kontroll tan-narkotiċi, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-armi tan-nar, l-infezzjoni tan-naħħal, il-prodotti bijoċidali, il-projbizzjoni ta' prodotti li huma ta' ħsara għas-saħħha, l-oġġetti pirotekniċi, il-mediċini (mediċini/sustanzi kritiċi meħtieġa għat-trattament tal-pazjenti tal-COVID-19), it-taghħmir protettiv, il-maskri, l-apparat mediku u l-apparat mediku *in vitro*, id-diżinfettanti u l-alkoħol meħtieġa għall-produzzjoni tagħħom (ara l-Anness 3.7).

### **2.3 Notifika ta' miżuri “fiskali jew finanzjarji”**

Skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, l-Istati Membri jridu jipprovdu notifika tal-“miżuri fiskali u finanzjarji”, jiġifieri r-regolamenti tekniċi li huma marbuta ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li jaffettaw il-konsum ta' prodotti jew ta' servizzi billi jħeġġu l-konformità ma' tali regolamenti tekniċi. Il-pekuljaritā ta' tali miżuri hija li l-perjodu ta' waqfien ma japplikax (l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku).

Matul il-perjodu 2016-2020, l-Istati Membri nnotifikaw 149 abbozz ta' miżuri bħala “miżuri fiskali jew finanzjarji” (44 fl-2016, 48 fl-2017, 26 fl-2018, 31 fl-2019 u 45 fl-2020)<sup>55</sup>.

### **2.4 Segwitu għar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni**

Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, l-Istati Membri jridu jirrapportaw dwar l-azzjoni li jiproponu li jieħdu bħala tweġiba għal opinjoni dettaljata.

Mill-2016 sal-2020, il-proporzjon bejn l-għadd ta' tweġibiet mill-Istati Membri għal opinjonijiet dettaljati tal-Kummissjoni u l-volum tal-opinjonijiet dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni kien sodisfaċenti, iżda kellu lok għal aktar titjib (medja ta' 87 % matul il-perjodu). It-tweġibiet sodisfaċenti mill-Istati Membri kienu jirrappreżentaw medja ta' 45 % tat-tweġibiet (ara l-Anness 3.8).

Fil-perjodu meqjus, l-Istati Membri rtiraw 217<sup>56</sup>-il abbozz ta' regolamenti tekniċi. Fi 30 każ (4 fl-2016, 13 fl-2017, 9 fl-2018, 2 fl-2019 u 2 fl-2020) l-irtirar segwa l-adozzjoni ta' opinjoni dettaljata maħruġa mill-Kummissjoni. Ir-raġunijiet għal dan l-irtirar jinkludu: (i) l-introduzzjoni mill-Istat Membru notifikanti ta' bidliet sostanzjali fl-abbozz ta' regolament tekniku, li kienu jeħtieġu notifika ġidida (l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva); u (ii) id-deċiżjoni sempliċi tal-awtoritajiet nazzjonali li ma jibqgħux għaddejjin bl-adozzjoni tal-abbozz ta'

<sup>53</sup> Ara l-Anness 1 għal aktar dettalji dwar il-proċedura ta' urġenza.

<sup>54</sup> Ara l-Anness 3.7.

<sup>55</sup> Ara l-Anness 1 għal aktar dettalji dwar il-“miżuri fiskali u finanzjarji”.

<sup>56</sup> Data estrapolata fl-14 ta' Lulju 2021.

regolament tekniku. Għal abbozzi ta' regolamenti tekniċi notifikati oħra d-djalogu għadu għaddej.

## **2.5 Segwitu għall-proċedura ta' notifika**

Għal dawk il-każijiet li fihom il-ksur potenzjali tad-dritt tal-Unjoni dwar is-suq intern ma tneħħiex kompletament permezz tal-proċedura ta' notifika, il-Kummissjoni wettqet investigazzjonijiet ulterjuri (eż-żejjek dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, is-sigaretti elettroniċi, it-tabakk). Il-Kummissjoni wettqet ukoll investigazzjonijiet dwar l-allegat ksur mill-Istati Membri tal-obbligu ta' notifika, pereżempju, fir-rigward tar-regoli dwar it-tassimetri, il-fliexken tal-ħġieġ għall-inbid u għax-xorb spirituż, it-tagħmir tar-reklamar, l-iskart, il-logħob tal-azzard, il-magni tal-logħob, l-emissjonijiet ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, il-prodotti tal-plastik, l-għamara, l-ekonomija kollaborattiva, eċċ. F'tali każijiet, il-Kummissjoni infurmat lill-punt ta' kuntatt nazzjonali kkonċernat għad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku bil-konsewzenzi tal-ksur tal-obbligu ta' notifika u fakkret fl-obbligu ta' notifika.

## **2.6 Skambji strutturati mal-Istati Membri, mal-pajjiżi taż-ŻEE-EFTA, mal-İvvizzera u mat-Turkija**

Il-laqgħat regolari tal-Kumitat Permanenti tar-Regolamenti Tekniċi rawmu skambju ta' fehmiet produttiv dwar punti ta' interess ġenerali kif ukoll dwar aspetti speċifiċi tal-proċedura ta' notifika.

Fir-rigward tal-proċedura ta' notifika, id-diskussionijiet fil-kuntest tal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti tar-Regolamenti Tekniċi kienu jikkonċernaw b'mod partikolari:

- il-proċedura ta' urġenza skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza tas-Suq Uniku;
- l-aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni u n-notifikasi kunfidenzjali;
- il-proċedura ta' notifika għan-notifikasi Żvizzeri u taż-ŻEE;
- l-obbligu tal-Istati Membri li jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test finali ta' regolament tekniku notifikat;
- l-iżviluppi dwar il-ġurisprudenza tal-QĠUE rigward id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku; u
- l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' punt uniku ta' servizz.

Abbażi tat-talbiet mill-Istati Membri jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tat-preżentazzjonijiet fil-Kumitat Permanenti tar-Regolamenti Tekniċi biex tiprovd kjarifika dwar xi ostakli rikorrenti jew dwar partijiet ġoddha tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-preżentazzjonijiet kienu jikkonċernaw:

- id-Direttiva (UE) 2019/904 dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent;
- il-proċedura ta' notifika skont id-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE, ir-Regolament (UE) 2018/1807 dwar il-moviment liberu ta' *data* mhux personali fl-UE;
- ir-Regolament Ġeneralu dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (UE) 2016/679;
- id-Direttivi dwar is-Sikurezza fit-Toroq 2014/45/UE<sup>57</sup>, 2014/46/UE<sup>58</sup> u 2014/47/UE<sup>59</sup>;

<sup>57</sup> Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51.

<sup>58</sup> Id-Direttiva 2014/46/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 129.

- ir-restrizzjonijiet fuq il-mikrożibeġ fil-livell tal-UE;
- id-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ;
- il-klawżola tas-suq uniku u l-Artikoli 34-36 tat-TFUE.

Diversi Stati Membri qasmu l-aħjar prattiki tagħhom għan-notifikasi skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku mal-Kunitat Permanenti.

Saru wkoll laqgħat bilaterali f'ħafna Stati Membri bħala parti mill-missionijiet ta' “għarfien tal-pajjiż”. Dawn il-laqgħat kellhom l-għan li jimmiraw il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq uniku ta’ kull Stat Membru permezz ta’ djalogu dirett bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll permezz ta’ laqgħat mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni żaret diversi bliet kapitali tal-UE<sup>60</sup> u attendiet laqgħat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali. Il-problemi ewlenin li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku fil-livell nazzjonali kif identifikati permezz ta’ dawn il-missionijiet jikkonċernaw il-livell baxx ta’ notifikasi (eż. fir-Rumanja, fil-Litwanja u fil-Portugall), il-kapaċità amministrattiva (eż. fil-Bulgarija) jew il-kwistjonijiet ta’ koordinazzjoni (eż. fl-Italja, fi Spanja u fil-Ġermanja) u l-għarfien limitat tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku mill-amministrazzjonijiet nazzjonali.

Matul il-perjodu referenzjarju, il-Kummissjoni ddiskutiet ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva fil-laqgħat ta’ djalogu dwar il-konformità mal-Istati Membri, li jitwettqu b’segwitu għall-impenn dwar l-istratgeġja għal suq uniku. Il-Kummissjoni organizzat ukoll b’mod regolari seminars tekniċi *ad hoc* lill-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-proċedura ta’ notifikasi.

It-Turkija tejbet il-partċipazzjoni tagħha fil-proċedura ta’ notifikasi matul il-perjodu referenzjarju.

## 2.7 *Trasparenza*

### 2.7.1 *Talbiet għal aċċess għal dokumenti maħruġa skont id-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku*

Mill-2016 sal-2020, il-Kummissjoni rċeviet 531<sup>61</sup> talba għal aċċess għad-dokumenti maħruġa fil-kuntest tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. Il-biċċa l-kbira tat-talbiet kienu jikkonċernaw opinjonijiet u kummenti dettaljati mogħtija mill-Kummissjoni. F’konformità mal-aktar żviluppi reċenti fil-ġurisprudenza tal-QĠUE (ara l-Anness 2, il-Kawża C-331/15 P, *Franza vs Schlyter*), il-biċċa l-kbira tad-dokumenti ġew żvelati.

### 2.7.2 *Partċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati*

It-trasparenza hija karakteristika fundamentali tal-proċedura ta’ notifikasi. Is-sit web tat-TRIS, li huwa disponibbli għall-pubbliku, jiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu infurmati b’mod kostanti dwar l-abbozzi ta’ regolamenti tekniċi kollha li jkunu qed jitħejjew mill-Istati Membri u li jsir djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni, bis-saħħha tal-funzjoni li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jippreżentaw kontributi dwar abbozzi ta’ regolamenti

<sup>59</sup> Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta’ April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġġit tal-affidabilità stradali ta’ vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE, ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134.

<sup>60</sup> Il-Kummissjoni żaret il-Bulgarija, Spanja, il-Polonja, ir-Rumanja, l-Italja, Franza, il-Ġermanja, il-Portugall, l-Irlanda u l-Litwanja.

<sup>61</sup> Peress li ma kien hemm l-ebda possibbiltà li l-Unità ewlenija tiġi kkodifikata għall-aċċess għat-talbiet għad-dokumenti fil-bażżejjiet tad-data tal-Kummissjoni matul il-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2018 sal-1 ta’ Ottubru 2018, iċ-ċifri li jikkonċernaw dan il-perjodu huma bbażati fuq simulazzjoni bl-użu tal-perċentwal medju tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti assenjati lill-Unità inkarigata mill-ġestjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku għas-snin 2016, 2017 u 2019.

tekniċi. Kif diġà ssema, bejn 1-2016 u 1-2020, il-Kummissjoni rċeviet 1 618-il kontribut permezz ta' din il-funzjonalità. Matul il-perjodu referenzjarju, il-Kummissjoni bdiet ukoll titraduči t-testi finali tal-miżuri notifikati fil-lingwi kollha tal-UE. It-traduzzjonijiet tat-testi finali huma disponibbli fuq is-sit web tat-TRIS u jipprovdu trasparenza addizzjonal.

Is-suċċess tas-sit web tat-TRIS huwa kkonfermat bin-numri:

- Fi tmiem 1-2020 kien hemm 6 467 abbonat attiv fil-lista ta' indirizzi elettroniċi tat-TRIS, meta mqabbla mal-5 196 fi tmiem 1-2015, li jimmarka żieda ta' 25 % matul il-perjodu ta' rapportar ta' ħames snin.
- Fil-perjodu meqjus, saru 871 744 tfittxija permezz tas-sit web tat-TRIS (151 202 fl-2016, 134 737 fl-2017, 152 158 fl-2018, 197 341 fl-2019 u 236 306 fl-2020), b'medja ta' 174 349 tfittxija fis-sena<sup>62</sup>.
- L-aċċess għan-notifikasi mill-utenti żdied ukoll, minn 1 203 299 okkorrenza sa tmiem 1-2015 għal 7 394 991 sa tmiem 1-2020, li jammontaw għal żieda spċificika ta' 514,6 % matul il-perjodu referenzjarju kollu tal-2016-2020 meta mqabbla ma' tmiem 1-2015.

### 3. KONKLUŻJONI

Matul il-perjodu bejn 1-2016 u 1-2020, l-effettività tal-proċedura tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku ġiet ikkonfermata mill-ġdid f'termini ta' trasparenza, ta' kooperazzjoni amministrattiva u ta' prevenzjoni ta' ostakli tekniċi fis-suq uniku. L-aproċċ preventiv u ta' networking tal-proċedura ta' notifika naqqas ir-riskju li l-attivitajiet regolatorji nazzjonali jistgħu joħolqu ostakli tekniċi għall-moviment liberu tal-merkanzija u tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni. F'dak ir-rigward, it-tishħiħ tal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-proċedura tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku, kemm f'termini ta' notifikasi mibgħuta kif ukoll ta' reazzjonijiet għal abbozzi notifikati minn Stati Membri oħra, juri ssjeda konġunta tas-suq uniku, li huwa objettiv ewljeni għall-Kummissjoni. Fl-2020, matul il-pandemija tal-COVID-19, il-proċedura tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku żgurat li l-objettiv primarju tal-protezzjoni tas-saħħha u tal-ħajja tal-bniedem kien segwit minn miżuri nazzjonali f'konformità mar-regoli tas-suq uniku. Id-Direttiva u s-sistema ta' notifika tagħha appoġġaw lill-Istati Membri f'dan ir-rigward billi żguraw it-trasparenza, is-sinerġi u, fl-aħħar mill-aħħar, is-solidarjetà Ewropea.

L-importanza tad-Direttiva tintwera mill-interess dejjem akbar tal-partijiet ikkonċernati fil-proċedura ta' notifika u l-għadd ta' kontributi mingħandhom permezz tas-sit web tat-TRIS fil-perjodu referenzjarju. Dan l-interess dejjem akbar jirrifletti l-isforz biex jittejbu t-trasparenza u l-effiċċjenza tas-sit web tat-TRIS.

Il-proċedura ta' notifika kkonfermat ukoll l-utilità tagħha fil-forniment tal-possibbiltà li jiġu identifikati oqsma fejn hija meħtieġa aktar armonizzazzjoni fil-livell tal-UE, bħall-aronizzazzjoni tat-tikkettar tal-imballaġġ għar-riġi tal-iskart. Se jkomplu l-isforzi biex jiġi żgurat qafas legali ċar għall-operaturi ekonomiċi bl-għan li tissaħħa il-kompetitività tal-intrapriżi Ewropej fl-UE u barra minnha, b'kunsiderazzjoni tar-rabtiet bejn il-proċedura ta' notifika u dik stabilita mill-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)<sup>63</sup>.

<sup>62</sup> Ara l-Anness 5.

<sup>63</sup> Fil-perjodu kkonċernat, l-Istati Membri tal-UE, l-Istati Membri tal-EFTA li huma firmatarji tal-Ftehim ŻE, l-Iżvizzera u t-Turkija rreġistrav 363 notifikasi fil-bażi tad-data tat-TRIS bħala soġġetti għal notifikasi id-WTO skont il-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ.

L-esperjenza miksuba f'dawn l-aħħar snin hija essenzjali biex jinbena dan ix-xenarju mtejjeb għall-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fis-Suq Uniku. Sabiex jinkiseb il-potenzjal shiħi tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tkompli tinċentiva l-partċipazzjoni tal-Istati Membri, kemm fin-notifika ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi nazzjonali kif ukoll fir-reazzjoni għal abbozzi nnotifikati minn Stati Membri oħra. Fir-reazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni se tqiegħed enfasi speċjali fuq kwistjonijiet ta' importanza sinifikanti għas-suq uniku u fuq dawk li jservu b'mod partikolari biex jindirizzaw b'mod effiċjenti r-restrizzjonijiet identifikati fil-kuntest tal-irkupru u tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Din l-enfasi akbar se twassal ukoll għas-segwitu xieraq għar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni sabiex tittieħed azzjoni effettiva biex jiġi evitat li jiġu stabbiliti ostakli potenzjali.